TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 38/15/GB

**Natalino Borg**

**vs**

**Edwin Petroni – J & E Service Line Ltd.**

Illum 22 ta' April 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u sittin Ewro (€260.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal forn, li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema forn kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Jannar 2013, huwa kien xtara forn minghand is-socjeta' ntimata, pero' ftit granet biss wara li xtrah, dan il-forn beda bil-problemi. Ghalhekk, is-socjeta' ntimata kienet marret u ghamlet xi 'settings'. Il-forn baqa' bil-problemi u kien jintefa' kull meta jużah. Meta huwa rega' lmenta mas-socjeta' ntimata, hija qaltlu li kellu bżonn jinbidel ir-'regulator'. Illi ghalhekk, ir-rikorrent kien xtara 'regulator' iehor, iżda l-forn xorta wahda baqa' jintefa'. Is-socjeta' ntimata biddlet ir-'regulator' hi wkoll, iżda l-forn baqa' bil-problemi. Ghalhekk, is-socjeta' ntimata kienet offriet 'replacement oven' lir-rikorrent sakemm il-forn tieghu jissewwa, iżda meta huwa mar ghal dan, ma aċċettawx li jinghata lilu. Is-socjeta' ntimata hadet il-forn difettuż filghodu sabiex tirrangah, u ġabitu lura filghaxija. Il-forn kompla bil-problemi, tant illi l-'burners' splodew b'hoss kbir. Is-socjeta' ntimata tat raġun lir-rikorrent fuq it-telefon, fejn ir-rikorrent talab forn iehor, preferibbilment forn ta' l-elettriku, iżda s-socjeta' ntimata ma kellhiex. Kellha pero' forn bla 'grill' li r-rikorrent aċċetta ghaliex kien fi żmien il-festi.

Il-forn li nghata lir-rikorrent suppost kien ġdid u s-socjeta' ntimata talbet li r-rikorrent iħallas mitt Ewro (€100.00). Ir-rikorrent aċċetta l-forn pero' sab li mhux biss il-'grill' kien nieqes, pero' kien ukoll iccippjat u lanqas 'spark' ma kellu.

Ir-rikorrent qed jitlob rifużjoni ta' mitejn u sittin Ewro (€260.00), ta' kemm nefaq fuq il-forn oriġinali li xtara.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien xtara forn bi prezz ta' mitejn u sittin Ewro (€260.00). Tliet ijiem wara, ir-rikorrent kien ilmenta li l-forn kien qed jagħti l-problemi, u s-socjeta' ntimata kienet marret għandu u għamlet 'setting'.

Minn dakinhar 'l hemm, is-socjeta' ntimata qatt ma semgħat mir-rikorrent, pero' f'Marzu 2014 huwa kien rega' ċempel u lmenta li rega' beda jintefa' l-forn. Għalhekk, is-socjeta' ntimata kienet reġgħat marret u sabet li kellu r-'regulator' mhux tajjeb u qaltlu biex jixtri 'regulator' ġdid. Wara xi ġimgħa, ir-rikorrent rega' ċempel fejn ilmenta illi baqa' bl-istess problema. Għaldaqstant, is-socjeta' ntimata biddlet ir-'regulator'.

Minn dakinhar għaddew disa' xhur u r-rikorrent rega' ċempel f'Diċembru fejn ilmenta li l-forn kien qed jintefa'. Wara li s-socjeta' ntimata reġgħat marret fuq il-post, hija sabet li l-forn ma kellu xejn ħażin, pero' minħabba l-insistenza tar-rikorrent, hija ħadet il-forn il-'workshop' tagħha. Biex is-socjeta' ntimata tkun ċerta li l-forn ma kellu xejn, hija biddlet xi 'parts'. Jumejn wara li ħadet il-forn lura għand ir-rikorrent, huwa rega' ċempel jilmenta li l-forn kien baqa' bl-istess problema. Is-socjeta' ntimata aċċettat li tieħu lura l-forn u li tagħtieh forn ġdid ta' ditta oħra, pero' gie avżat li l-forn il-gdid ma kienx fih 'grill' u 'ignitor' u li ried iħallas mitt Ewro (€100.00) peress li l-forn tiegħu kienu ilu jużah sentejn. Ir-rikorrent aċċetta u s-socjeta' ntimata ħadet il-forn il-gdid għand ir-rikorrent.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tiegħu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta tal-forn oriġinali, li ġiet immarkata bħala Dok.NB1; flimkien ma' kopja ta' l-invoice għat-tieni forn, li ġiet immarkata bħala Dok.NB2.

Xehdet Catherine Borg, bil-Malti u bil-gurament, prodotta mir-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata tagħha, reġgħat ikkonfermat il-verzjoni tagħha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur. It-Tribunal jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrent rigwardanti l-allegazzjoni tieghu li t-tieni forn in kwistjoni kien difettuz. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**